# IL-QANPIENA

Settembru 2009 | Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara | Ħarġa Numru: 339

## INSELLMILKOM



Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

### *L-Indifferenza*

Dan il-Fuljett qed jasal għandkom ftit jiem wara li ċċelebrajna l-Festa Parrokkjali. Il-Parroċċa terġa tibda tipprepara biex nibdew ir-ritmu ta' qabel. Xtaqt naqsam magħkom xi punti.

Fil-jiem tal-għomma kbira tas-sajf, mhux faċli li ma taqax fit-telqa, fl-indifferenza, bla ħeġġa għall-ebda ħidma. Dan hu ħa¿in, għax iż-żmien, il-ħin jaħrab jiġri.

Aktar ma nintelqu, inċedu għall-għomma u nitgħażżnu, aktar inħossuna mħeddla u mdejqa. Mentri wara li nkunu għamilna xi ħaġa, per eżempju xi passatemp, xogħol volontarju, ħruġ u għaqda mal-familja, inħossuna aħjar. Iżda sfortunatament din l-indifferenza tinħass ukoll matul s-sena. Fl-opinjoni tiegħi din l-indifferenza fil-parruċċani qegħda toftomna minn xulxin. Kemm isiru laqgħat, sejħat għal diversi kategoriji - ir-riżultat hu minimu minħabba l-indifferenza.

Ħaġa oħra li nħoss li għandi niġbed l-attenzjoni hi dwar il-**Familja . Il-familja hi għalliema tal-valuri Umani u Nsara.** Dan ifisser li l-ambjent tal-familja huwa bħala skola. Fil-fatt il-familja hija msejħa biex tgħix u tkabbar l-għożża fl-imħabba, lealta', kollaborazzjoni bejn il-membri. Għal dan il-għan it-talb fil-familja għandu importanza kbira. Dan iġib il-preżenza ta' Ġesu'. Hu stess qalilna:"Għax fejn hemm tnejn jew tlieta miġburin f'Ismi hemm jien f'nofshom."

Ħidma b'riżq il-familja tfisser ħidma għal ġejjieni xieraq. Kuraġġ ma naqtgħux qalbna

Tislijiet u talb.

***Dun Anton.***

---

### Festa ta' Marija Bambina fil-knisja tal-Vitorja, B'kara

Il-Festa tal-Vitorja ta' din is-sena se jkollha bħala suġġett "**Nitolbu lil Ġesu' permezz ta' Marija Bambina għal aktar Vokazzjonijiet.**"
Il-Mulej Ġesu' llum ukoll għadu jsejjaħ żgħażagħ biex jaqduh aktar mill-qrib u żgur li miż-żona tagħna qiegħed isejjaħ ukoll, kif sejjaħ fil-passat.
Il-quddies tal-Festa se jkun immexxi minn żewġ Saċerdoti ġodda, it-Tnejn minn H'Attard. Quddiesa oħra se titmexxa minn Saċerdot li ilu 35 sena li qaddes u li ħadem f'ħafna parroċċi anke bħala Kappillan barra xogħol ieħor spe'jalment fil-qasam soċjali.
Il-Quddies tat-tfal se jkun animat minn żewġ seminaristi Karkariżi: Noel Borg u Leonard Mintoff.
L-aktar importanti hu li nitolbu lil Sid il-Ħsad biex jibgħat ħafna ħaddiema għall-ħsad Tiegħu.

*(Ara l-Programm sħiħ tal-festa f'paġna 3)*

**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304

Tel. 21444725
Fax. 21445540
info@bazilikasantelena.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-3.45pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).
**Rużarju:**
Kuljum fit-8.15am u fis-6.00pm


*CASA ANTONIA*

Residential and Nursing Home
Pope Alexander VII Junction
Balzan BZN 02

**Informazzjoni:**
Tel: 21470677/8
Fax: 21496278
Website:
www.casa-antonia.com.mt
email:
info@casa-antonia.com.mt

John Tonna
Tel: 21440146


# Kalendarju Liturġiku

## SETTEMBRU

| | |
|---|---|
| It-Tlieta 01 | B.B.Q Little Armier għall- Grupp ta' Summer Club u tal-Kummissjoni Djakonija. |
| IL-Erbgħa 02 | Sala ta' fuq taċ-Ċentru: Serata Speċjali fis-7.30pm mtellgħa għall-ġenituri li wliedhom attendew is-Summer Club, Coaching Club, u Grupp Light & Way tal-Adolexxenti. |
| Il-Ħamis 03 | 7.00pm Bażilika Wara l-Quddiesa: Adorazzjoni mmexxija mill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. |
| Il-Ġimgħa 04 | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. 7.00pm Adorazzjoni f'San Pawl u 8.00pm f'Tal-Ħerba. |
| Is-Sibt 05 | 4.30pm Tal-Ħerba: Ċelebrazzjoni Marjana u wara Quddiesa b'suffraġju ta' dawk li mietu fix-xahar ta' Awwissu. |
| It-Tnejn 07 | 7.15pm Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika. |
| It-Tlieta 08 | Festa tat-Twelid tal-Verġni Marija. Il-ħin tal-Quddiesa ikun bħal fil-ġranet tax-xogħol. |
| L-Erbgħa 09 | Tal-Ħerba: Adorazzjoni mill-10.00am sal-11.00am |
| Il-Ħamis 10 | 7.00pm: Bażilika: Adorazzjoni mmexxija mill-membri tal-Kor Ommna Sidtna Marija Sultana tal-Paċi. |
| Is-Sibt 12 | Santu Rokku: Festa Liturġika tal-Madonna tal-Grazzja. |
| Il-Ħadd 13 | 9.45am Tberik tal-pellegrinaġġ bil-Muturi fil-Festa tal-Madonna tal-Grazzja. |
| It-Tnejn 14 | L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes Iċ-Ċentri tad-duttrina tal-parroċċa jaċċettaw it-talba tal-ġenituri biex uliedhom jibdew l-Katekiżmu. |
| It-Tlieta 15 | Festa tal-Verġni Mqaddsa tad-Duluri. 9.15am Tluq għal żjara lil Karkariżi f'San Vinċenz de Paulle. |
| Il-Ħamis 17 | 7.00pm Bażilika: Adorazzjoni mmexxija mis-Sorijiet tal-Parroċċa. |
| Il-Ħadd 20 | Festa ta' Marija Bambina fil-Knisja tal-Vitorja Ara programm f'paġna 3. |
| It-Tnejn 21 | Dun Lorry Galea jagħlaq 52 sena mill-Ordinazzjoni tiegħu. Nawgurawlu u nitolbu għalih. |
| It-Tlieta 22 | Festa ta' San Piju tal-Pjagi ta' Petrinċella. |
| Il-Ħamis 24 | 7.00pm Bażilika: Adorazzjoni mmexxija mill-Lega Riparatriċi u Kongregazzjoni Marjana |
| It-Tnejn 28 | 7.00pm Ċentru S. Elena jiltaqa' l-Core Group. |
| It-Tlieta 29 | 9.30am Sala ta' fuq taċ-Ċentru Coffee Morning b'riżq il-Ħidma Pastorali. |

## *Programm tal-Festa 2009 - Marija Bambina fil-knisja tal-Vitorja, Triq l-Vitorja., Birkirkara Tel: 21 440 416*

**Il-Ħadd 13 ta' Settembru**
**6.45am** **Quddiesa, li tkun għal ruħ il-Kan Kantur Dun Anton Mallia ex Rettur tal-knisja tal-Vitorja.**
**10.15am** **Quddiesa għaż-Żgħażagħ**

**It-Tnejn 14 ta' Settembru**
**7.00am** **Quddiesa (tkun b'suffraġju tar-Retturi u helpers mejtin tal-Vitorja.)**
**5.15pm** **Quddiesa għat-tfal bniet.**
**6.00pm** **Quddiesa għar-ruħ dawk li ħallewna mill-aħħar festa 'l hawn**

**It-Tlieta 15 ta' Settembru**
**7.00am** **Quddiesa għal bżonnijiet tal-familji ta' din iż-żona.**
**6.00pm** **Quddiesa għat-tfal Subien.**
**6.45pm** **Quddiesa għal 5 Vittmi tan-nar. Ikunu mistiedna l-familjari tagħhom u l-ħaddiema tan-nar.**

**L-Erbgħa 16 ta' Settembru**
**7.00am** **Quddiesa**
**6.00pm** **Jibda t-Tridu. Iqaddes u jippriedka Fr. Ronnie Zammit.**

**Il-Ħamis 17 ta' Settembru**
**Kollox bħal Jum ta' qabel.**

**Il-Ġimgħa 18 ta' Settembru**
**Kollox bħal jum ta' qabel pero' wara l-Quddiesa joħroġ il-Vjatku Solenni.**

**Is-Sibt 19 ta' Settembru**
**7.00am Quddiesa**
**6.00pm** **Transulazzjoni tar-Relikwa mill-Museum tal-Bniet. Wara toħroġ quddiesa Solenni. Iqaddes u jippriedka Fr. Andrea Zaffarese. Wara jsir it-Tberik tat-Trabi.**
**8.00pm** **Lejla ta' Għana fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja tal-Vitorja.**

**Il-Ħadd 20 ta' Settembru**
**6.45am Quddiesa**
**10.00am** **Tberik ta' pets u annimali oħra quddiem il-Knisja tal-Vitorja.**
**6.00pm** **Quddiesa solenni tal-Festa. Iqaddes u jippriedka iir-Rev.mu Prepostu Arċipriet Anton Cassar. Jitkanta l-Magnificat.**

Janima l-Quddies tat-Tridu u ta' Lejlet u nhar il-Festa l-**Kor Mater Dei taħt id-direzzjoni tas-Sinjorina Mary Schembri.**





# Mill-ħajja tal-Parroċċa

## Lulju

### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:

Antonio Bonnici - Mandy Vella

Christian Borg - Jeanette Farrugia.

### Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija:

Julian Briffa; Alexander Charles Sciberras; Ksenya Pauline Sciberras ; Veronica Sofia Sciberras; Anooine Kasem; Julienne Kasem

### Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem:

Kan.Kantur Anthony Mallia; Francesco Borg; Carmela Delicata; Joseph Bonnici; Paul Grech; Carmela Calleja ; Vincenza Borg; Cecilia Abela.

## Suffraġji

* Marija Borg u wliedha joffru €10 b'suffraġju tal-għeżież tagħhom Ġużeppi Borg, Sunny Borg, Ġużeppa Borg, Manwel Borg u Renzo Borg.(Niskużaw ruħna mal-familja għal żball li deher fil-ħarġa ta' Awwissu.)
* Il-familji Mamo u Borg joffru €10 b'suffraġju tal-għeżież ġenituri tagħhom Carmelo u Helen Mamo li jgħalqu 28 u 18 -il sena mejta fil-5 u fl-14 ta' Settembru.
* Censina Vassallo toffri €10 b'suffraġju tal-għażiża ommha Tereża Vassallo li tagħlaq 21 sena mejta fl-24 ta' Settembru.
*Tony Carbonaro joffri €20 b'suffraġju tal-għeżież ġenituri tiegħu Mary u Paul Carbonaro.
* Ritchie Zammit joffri €5 b'suffraġju tal-għażiż missieru Carmelo Zammit ex surġent tal-Pulizija f'għeluq it-30 sena minn mewtu.
* Maria Assunta Borda toffri €5 b'suffraġju tal-għażiż żewġha Frank Borda.

## Ħbieb

€4 permezz ta' Ginnie Grech minn Dun Perin Lane; €2.46c permezz ta' Carolina Debono; L-aħwa Zammit.




LAURENS WATCHES

G.B. JEWELLERY
GEORGE BUSUTTIL
451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679

LORENZ WATCHES